VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 422 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti ta' l-2011 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

### (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Insib, Malvizz, għas-sena 2011)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2011 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-istaġun għall-Insib, Malvizz, għas-sena 2011).

Tifsir.

A.L. 79 ta' l-2006

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006".

Jiġi stabbilit l-istaġun.

**3.** Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t), (ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Prim Ministru stabbilixxa li:-

(a) It-teħid ta' Malvizz għandu jsir bejn l-1 ta' Novembru 2011 u l-10 ta' Jannar 2012.